MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 789/2008

GO p.l.c. (C22334).

Vs

IAS Limited (C12202)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, disa' mija, erbgha u hamsin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,954.24) minghand is-socjeta' konvenuta, in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21461784. Minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar pagament, u cioe mis-16 ta' Dicembru 2003 kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tat-12 ta' Frar 2009, fejn deher Philip Zammit in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta u ammetta t-talbiet attrici kif dedotti kontra taghha.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni taghha stess, t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, disa' mija, erbgha u hamsin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,954.24), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------